# Il-Vokabolarju

**Eżerċizzju 1.**

**L-isem tal-attività:** L-ismijiet tad-djar bil-Malti - Vokabolarju

**L-għan tal-attività:** L-istudenti jitgħallmu vokabolarju ġdid billi jqabblu l-kliem mal-istampa t-tajba.

**Id-deskrizzjoni tal-attività:** Qabel ma jagħmlu l-attività, li jidentifikaw it-tema t-tajba skont l-isem tad-dar, l-għalliema għandha tara li l-istudenti jafu t-tifsira tal-ismijiet tad-djar. Għalhekk l-għalliema għandha tagħmel din l-attività li fiha l-istudenti jridu jqabblu l-isem tad-dar mal-istampa t-tajba.
Links: https://learningapps.org/watch?v=pp2ereym218




https://learningapps.org/watch?v=pn39dp01n18



**Eżerċizzju 2.**
**L-għan tal-attività:** L-istudenti jqassmu l-ismijiet tad-djar skont numru ta’ kategoriji.

**Id-deskrizzjoni tal-attività:** L-għalliema se turi diversi ismijiet tad-djar bil-Malti permezz tal-programm tal-bord interattiv. L-istudenti fi gruppi huma mistennija li jiktbu l-isem tad-dar taħt il-kolonna t-tajba fil-karta tat-taħriġ mogħtija lilhom mill-għalliema. Wara jridu jiddiskutu liema temi huma komuni ħafna u liema huma inqas komuni u se jiddiskutu għaliex.

**Fajls użati għal dawn l-eżerċizzji:**

L-ismijiet tad-djar bil-Malti – Karta tat-Taħriġ

L-ismijiet tad-djar bil-Malti – Karta tat-Taħriġ - Tweġibiet

Flipchart: Aqsam l-ismijiet ta’ dawn id-djar skont it-temi (Aqsam l-ismijiet f’kategoriji.zip)

